

Brussell, 27 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13757/24

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0272(COD)

CODEC 1840
CYBER 263
JAI 1416
DATAPROTECT 283
TELECOM 280
MI 814
CSC 560
CSCI 199

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-15 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Novembru 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2022³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

¹ 12429/22 + ADD 1 sa ADD 6.

² ĠU C 452, 29.11.2022, p. 23.

³ ĠU C 100, 16.3.2023, p. 101.

5. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mis-16 sad-19 ta' Settembru 2024. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub:
- jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 100/23, kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni konġunta msemmija hawn fuq li tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dment li tiġi approvata mill-Kunsill.
7. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 13431/24.